2024/1702

18.6.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1702

tal-11 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 1003/2013 fir-rigward tal-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 72(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2013 ([2]) jispeċifika t-tip ta' tariffi, il-kalkolu, u l-modalitajiet tal-ħlas fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet.

(2) Fl-2018, kemm ir-rieżami tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni kif ukoll l-awditu tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([3]) kkonkludew li s-sistema ta' finanzjament tat-tariffi tal-ESMA hija kumplessa bla bżonn. Biex jiġi simplifikat il-ġbir tat-tariffi u jitnaqqsu r-riskji b'rabta mal-kalkolu skorrett jew l-allokazzjoni ineffiċjenti tat-tariffi, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza ta' aspetti tekniċi fl-atti delegati differenti kollha dwar it-tariffi imposti mill-ESMA, meta xieraq u possibbli.

(3) Biex tiġi żgurata l-konsistenza fir-rigward tat-tariffi imposti mill-ESMA fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) Nru 1003/2013 jiġi allinjat mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/360 ([4]).

(4) Biex tiġi koperta bis-sħiħ in-nefqa tal-ESMA relatata mas-superviżjoni tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, jenħtieġ li t-tariffi annwali għas-superviżjoni jiġu determinati fuq il-bażi tal-istima annwali tal-ispejjeż diretti kollha meħtieġa għall-kompiti superviżorji mwettqa mill-ESMA u ta' tqassim raġonevoli tal-ispejjeż ġenerali fissi u varjabbli tal-ESMA.

(5) Biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà tad-*data* bejn ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet kollha meta jiġu determinati t-tariffi għas-superviżjoni tal-ESMA, jenħtieġ li t-tariffi annwali għas-superviżjoni jiġu kkalkulati biss abbażi tal-fatturat iġġenerat mill-attivitajiet ewlenin tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet u s-servizzi anċillari tiegħu.

(6) Biex tiġi żgurata l-konsistenza fost l-atti delegati dwar it-tariffi li għandhom jitħallsu lill-ESMA, u biex l-ESMA tkun tista' tirċievi fi żmien debitu d-*data* tal-fatturat awditjat għall-istima tat-tariffi dovuti mir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet lill-ESMA, jenħtieġ li s-sena ta' referenza tal-kontijiet awditjati għad-determinazzjoni tal-fatturat applikabbli tkun ta' sentejn qabel is-sena li għaliha l-ESMA timponi tariffi fuq ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet.

(7) Il-fatturat applikabbli tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet jiġi kkalkulat f'euro. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi speċifikat mekkaniżmu għall-konverżjoni f'euro tad-dħul iġġenerat f'muniti oħra.

([1]) ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1003/2013 tat-12 ta' Lulju 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 279, 19.10.2013, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/1003/oj).

([3]) Il-Qorti tal-Awdituri, Rapport annwali dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2018, (ĠU C 417, 11.12.2019, p. 29 u p. 85 ff).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/360 tat-13 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tariffi imposti mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet (ĠU L 81, 22.3.2019, p. 58, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/360/oj).

(8) F'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 ([5]), jenħtieġ li t-tariffi imposti fuq ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet jiġu stabbiliti f'livell li jiżgura li tkun koperta l-ispiża sħiħa tas-servizzi pprovduti mill-ESMA u li jiġi evitat defiċit, iżda fl-istess ħin jevita l-akkumulazzjoni ta' surplus sinifikanti. Meta riżultat baġitarju pożittiv jew negattiv sinifikanti jsir rikorrenti, il-livell tat-tariffi jenħtieġ li jiġi rivedut.

(9) Biex jevita tariffa eċċessiva għas-superviżjoni fis-sena tar-reġistrazzjoni tiegħu, jenħtieġ li repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrat iħallas tariffa għas-superviżjoni inizjali li l-ammont tagħha jenħtieġ li jkun proporzjonali għall-perjodu ta' żmien f'dik l-ewwel sena li matulha jkun ġie rreġistrat ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet.

(10) Meta repożitorju tat-tranżazzjonijiet li jkun għadu ma ġiex irreġistrat skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jippreżenta simultanjament applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni kemm skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 kif ukoll skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), jenħtieġ li n-nefqa meħtieġa għall-valutazzjoni u l-analiżi preċiżi tal-applikazzjonijiet tkun aktar baxxa minħabba s-sinerġiji tar-reviżjoni tal-istess tip ta' dokumenti. Fil-każ ta' applikazzjonijiet simultanji, ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet jenħtieġ li b'ħekk iħallas it-tariffa għar-reġistrazzjoni sħiħa dovuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, u l-ħlas imnaqqas għall-estensjoni tar-reġistrazzjoni dovut skont ir-Regolament (UE) 2015/2365.

(11) L-ispiża amministrattiva b'rabta mat-tariffa għas-superviżjoni tal-ewwel sena għal repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrat f'Diċembru mhijiex proporzjonata ma' dik it-tariffa. Għalhekk, jenħtieġ li repożitorju tat-tranżazzjonijiet li jkun irreġistrat f'Diċembru jiġi eżentat mir-rekwiżit li jħallas tariffa annwali għas-superviżjoni għas-sena li fiha jkun ġie rreġistrat dak ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet.

(12) Biex tiżgura l-konsistenza fost l-atti delegati dwar it-tariffi li għandhom jitħallsu lill-ESMA, jenħtieġ li l-ESMA tikkalkula l-penali f'każ ta' ħlas tard f'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-imgħax ta' inadempjenza stabbiliti fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(13) Biex tittejjeb it-trasparenza fir-rigward tat-termini u l-proċessi tal-ħlas ta' tariffi għar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet, huwa meħtieġ li jiġi determinat f'liema perjodu ta' żmien, jew f'liema data, ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom iħallsu fattura tal-ESMA għat-tariffi. Għat-tariffi annwali għas-superviżjoni, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat l-ammont u l-aħħar data li fiha l-ESMA għandha tibgħat il-fattura rilevanti lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet.

(14) Biex jiġi żgurat il-ħlas fil-ħin tat-tariffi tar-reġistrazzjoni u t-tariffi ta' rikonoxximent, jenħtieġ li f'kull każ dawk it-tariffi jitħallsu fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tal-fattura tal-ESMA.

(15) Biex jiġu simplifikati aktar il-flussi tal-ħlas tat-tariffi, u jiġi żgurat li l-ESMA jkollha l-fondi meħtieġa biex twettaq l-attivitajiet superviżorji ppjanati tagħha, jenħtieġ li t-tariffi annwali għas-superviżjoni jitħallsu f'pagament akkont uniku matul l-ewwel tliet xhur tas-sena kalendarja li għaliha jkunu dovuti tali tariffi.

(16) Biex tipprovdi żmien suffiċjenti u tiffaċilita l-proċessi ta' approvazzjoni interna, jenħtieġ li l-ESMA tibgħat fatturi għall-ħlas tat-tariffi annwali għas-superviżjoni mill-inqas 30 jum kalendarju qabel id-data tal-ħlas rilevanti.

(17) Sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali għall-proċess ta' ġbir ta' tariffi li għaddej jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

(18) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1003/2013 jiġi emendat skont dan,

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/715/oj).

([6]) Ir-Regolament (UE) 2015/2365 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar it-trasparenza ta' transazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-użu mill-ġdid u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2365/oj).

([7]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1003/2013

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1003/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

Irkupru tal-ispejjeż kollha ta' superviżjoni

It-tariffi mitluba lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom jkopru:

(a) l-ispejjeż diretti u indiretti kollha relatati mar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet mill-ESMA skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, inklużi dawk l-ispejjeż li jirriżultaw mir-rikonoxximent tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet;

(b) l-ispejjeż kollha għar-rimborż tal-ispejjeż diretti u indiretti tal-awtoritajiet kompetenti li wettqu xogħol skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kwalunkwe delega tal-kompiti f'konformità mal-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.";

(2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Fatturat applikabbli

1. Ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandhom iżommu biss kontijiet awditjati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament li jiddistingwu bejn dawn li ġejjin:

(a) id-dħul iġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) id-dħul iġġenerat mis-servizzi anċillari li jkunu relatati direttament mal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012.

Id-dħul applikabbli mis-servizzi anċillari tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għal sena partikolari (n) għandu jkun id-dħul mis-servizzi determinati skont il-punt (b).

2. Ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati kemm skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 kif ukoll skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 għandhom iżommu kontijiet awditjati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament li jiddistingwu bejn li ġejjin:

(a) id-dħul iġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) id-dħul iġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont ir-Regolament (UE) 2015/2365;

(c) id-dħul iġġenerat mis-servizzi anċillari li jkunu relatati direttament mal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(d) id-dħul iġġenerat mis-servizzi anċillari li jkunu relatati direttament kemm mal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 kif ukoll mal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli skont ir-Regolament (UE) 2015/2365.

Id-dħul applikabbli mis-servizzi anċillari tar-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għal sena partikolari (n) għandu jkun is-somma ta':

(a) id-dħul imsemmi fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu;

(b) sehem mid-dħul imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu.

Is-sehem mid-dħul imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandu jkun daqs id-dħul imsemmi fil-punt (a) ta' dak is-subparagrafu, diviż bis-somma ta':

(a) id-dħul imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu;

(b) id-dħul imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu.

3. Il-fatturat applikabbli ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet partikolari għal sena partikolari (n) għandu jkun is-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu, diviża bis-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (c) u (d) ta' dan il-paragrafu:

(a) id-dħul iġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fuq il-bażi tal-kontijiet awditjati tas-sena (n–2);

(b) id-dħul applikabbli mis-servizzi anċillari determinat f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, kif applikabbli, abbażi tal-kontijiet awditjati tas-sena preċedenti (n–2);

(c) id-dħul totali tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati kollha ġġenerat mill-funzjonijiet ewlenin tal-ġbir u ż-żamma b'mod ċentrali tar-rekords tad-derivattivi skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 fuq il-bażi tal-kontijiet awditjati tas-sena preċedenti (n–2);

(d) id-dħul totali applikabbli tar-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati kollha ġġenerati mis-servizzi anċillari determinat f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, kif applikabbli, abbażi tal-kontijiet awditjati tas-sena preċedenti (n–2).

4. Ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom jipprovdu lill-ESMA fuq bażi annwali l-kontijiet awditjati msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet għandhom jippreżentaw dawk il-kontijiet lill-ESMA b'mezzi elettroniċi sat-30 ta' Settembru ta' kull sena (n–1).

5. Meta r-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ma jkunx ħadem matul is-sena sħiħa (n–2), l-ESMA għandha tistma il-fatturat applikabbli f'konformità mal-paragrafu 3 billi testrapola l-valur ikkalkulat għall-għadd ta' xhur li fih ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ħadem fis-sena (n–2), għas-sena kollha (n–2).

6. Meta ma jkun disponibbli l-ebda kont awditjat għas-sena (n–2), l-ESMA għandha tuża l-kontijiet awditjati għas-sena (n–1).

7. Meta d-dħul imsemmi fil-paragrafu 3 ikun irrappurtat f'munita oħra li ma tkunx l-euro, l-ESMA għandha tikkonverti dak id-dħul f'euro billi tuża r-rata tal-kambju medja tal-euro applikabbli għall-perjodu li matulu ġie rreġistrat dak id-dħul. Għal dak il-għan, l-ESMA għandha tuża' r-rata ta' referenza tal-kambju tal-euro ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.";

(3) Jitħassar l-Artikolu 4;

(4) fl-Artikolu 6, jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

"6a. Meta repożitorju tat-tranżazzjonijiet li ma jkunx diġà rreġistrat skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 jippreżenta simultanjament applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni kemm skont ir-Regolament (UE) 2015/2365 kif ukoll skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet għandu jħallas it-tariffa għar-reġistrazzjoni kollha dovuta skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, u t-tariffa għall-estensjoni tar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (UE) 2015/2365.";

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafi 2, 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. It-tariffa annwali totali għas-superviżjoni u t-tariffa annwali għas-superviżjoni għal repożitorju tat-tranżazzjonijiet partikolari għal sena partikolari (n) għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

(a) it-tariffa annwali totali għas-superviżjoni għal sena partikolari (n) għandha tkun l-istima tan-nefqa relatata mas-superviżjoni tal-attivitajiet ta' repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 kif inkluż fil-baġit tal-ESMA għal dik is-sena;

(b) tariffa għas-superviżjoni annwali ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrat għal sena partikolari (n) għandha tkun it-tariffa annwali totali għas-superviżjoni determinata skont il-punt (a), maqsuma bejn ir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet irreġistrati kollha fis-sena (n–1), b'mod proporzjonali mal-fatturat applikabbli tagħhom ikkalkulat skont l-Artikolu 3(3).

3. Fl-ebda każ repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrat skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 ma għandu jħallas tariffa annwali għas-superviżjoni ta' inqas minn EUR 30 000.

4. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrat għandu jħallas, fis-sena tar-reġistrazzjoni tiegħu (sena (n)), tariffa għas-superviżjoni inizjali ('SF(n)') ugwali għal li ġej:

$$SF(n) = RF \bullet k$$

fejn:

RF = it-tariffa għar-reġistrazzjoni kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 6;

$$k = \frac{\text{għadd ta' jiem kalendarji mid – data tar – reġistrazzjoni sal – 31 ta' Diċembru fis – sena (n)}}{\text{għadd ta' jiem kalendarji fis – sena (n)}}$$

Ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet irreġistrat għandu jħallas it-tariffa għas-superviżjoni tal-ewwel sena wara li jkun ġie nnotifikat mill-ESMA li l-applikazzjoni tiegħu tkun irnexxiet u fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tal-fattura tal-ESMA.

Madankollu, meta repożitorju tat-tranżazzjonijiet ikun irreġistrat matul ix-xahar ta' Diċembru, dak ir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet ma għandux ikun meħtieġ iħallas tariffa annwali għas-superviżjoni għas-sena li fiha jkun ġie rreġistrat.";

(6) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Kull ħlas tard għandu jġarrab l-imgħax ta' inadempjenza stabbilit fl-Artikolu 99 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) .

_____

(*) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1046/oj).";

(7) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-tariffa għar-reġistrazzjoni msemmija fl-Artikolu 6 għandha tkun dovuta meta r-repożitorju tat-tranżazzjonijiet jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u għandha titħallas kompletament fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tal-fattura tal-ESMA.";

(8) l-Artikoli 11 u 12 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

Ħlas tat-tariffi annwali għas-superviżjoni

1. It-tariffa annwali għas-superviżjoni msemmija fl-Artikolu 7 għal sena finanzjarja partikolari (n) titħallas f'pagament akkont uniku, li għandu jkun dovut sal-aħħar ta' Marzu tas-sena li hija relatata magħha.

L-ESMA ma għandhiex tirrimborża t-tariffa annwali għas-superviżjoni.

2. L-ESMA għandha tibgħat il-fattura li tispeċifika l-ammont tat-tariffa annwali għas-superviżjoni lir-repożitorji tat-tranżazzjonijiet mill-inqas 30 jum kalendarju qabel id-data tal-ħlas.".

Artikolu 12

Ħlas tat-tariffi għar-rikonoxximent

1. It-tariffi għar-rikonoxximent imsemmija fl-Artikolu 8(1) għandhom ikunu dovuti meta r-repożitorju tat-tranżazzjonijiet japplika għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 77(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u fi żmien 30 jum kalendarju mid-data tal-ħruġ tal-fattura tal-ESMA.

L-ESMA ma għandhiex tirrimborża t-tariffa għar-rikonoxximent.

2. It-tariffa annwali għas-superviżjoni għal repożitorju tat-tranżazzjonijiet rikonoxxut għal sena partikolari (n) għandha titħallas sa tmiem it-tielet xahar tas-sena kalendarja li għaliha tkun dovuta tali tariffa. L-ESMA għandha tibgħat il-fattura li tispeċifika l-ammont tat-tariffa annwali għas-superviżjoni lir-repożitorju tat-tranżazzjonijiet rikonoxxut mill-inqas 30 jum kalendarju qabel id-data tal-ħlas.".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN